TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 145/12/GZ

**Chris Piscopo**

**vs**

**Ivan Bartolo – Compunet Ltd**

Illum 10 ta' Dicembru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-11 ta' Gunju, 2012 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' tmien mija hamsa u sebghin Ewro (€875.00) rapprezentanti l-prezz ta' 'laptop' li huwa xtara minghand is-socjeta' ntimata, liema 'laptop' kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fl-14 ta' Mejju 2010, huwa kien xtara 'laptop' minghand is-socjeta' ntimata ghall-prezz ta' tmien mija hamsa u sebghin Ewro (€875.00), li fuqu inghata tliet (3) snin garanzija fuq il-'parts' u sena fuq 'labour'.

Fil-bidu ta' Jannar 2012, il-'laptop' beda jkun difettuz billi beda jintefa' wahdu u ma jixelx. Wara ftit granet, l-imsemmi 'laptop' waqaf jaghmel hekk, sakemm lejn l-ahhar ta' Frar ma beda jixghel xejn. Ghalhekk, ir-rikorrent kien hadu lura ghand is-socjeta' ntimata ghat-tiswija u wara gimgha inghatalu lura, fejn gie nformat illi kien issewwa u ghal liema tiswija r-rikorrent hallas hamsa u

ghoxrin Ewro (€25.00). L-ghada, il-'laptop' rega' kien difettuz. Ir-rikorrent tah cans ftit granet u fil-5 ta' Marzu rega' hadu ghat-tieni darba lura ghand is-socjeta' ntimata ghat-tiswija. Il-'laptop' rega' inghatalu lura wara gimghatejn, fejn rega' gie nformat illi kien gie msewwi, pero', wara biss ftit granet, l-imsemmi 'laptop' rega' beda jkun difettuz.

Fit-2 ta' April, ir-rikorrent rega' ha l-'laptop' lura ghand is-socjeta' ntimata ghat-tiswija u wara kwazi xahar is-socjeta' ntimata regghat irritornat il-'laptop' fejn qalet li gie msewwi. Wara din it-tielet tiswija, is-socjeta' ntimata kienet offriet illi tbiddel il-'motherboard', fejn ir-rikorrent gie nformat li ghal liema huwa kellu jhallas 'il fuq minn mitt Ewro (€100.00) bl-ebda garanzija li l-'laptop' kien ser jitranga mija fil-mija. Ir-rikorrent kien talab li jinghata 'laptop' gdid ghaliex deher bic-car li l-'laptop' tieghu kellu xi haga hazina, pero' s-socjeta' ntimata kienet irrifjutat. Dan kollu sehh fiz-zmien meta l-garanzija kienet ghadha fis-sehh.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja ta' l-ircevuta ta' meta nxtara l-'laptop' minghand is-socjeta' ntimata, datata 14 ta' Mejju 2010, ghall-ammont ta' tmien mija hamsa u sebghin Ewro (€875.00); flimkien ma' kopji tal-'job sheets' ta' meta l-'laptop' iddahhal ghat-tiswija.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma il-verzjoni tieghu bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrent billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata, u jikkonkludi illi allavolja ma jistax jinghad li s-socjeta' ntimata naqqset mill-obbligi taghha, stante li hija dejjem hadet konjizzjoni ta' kull rapport li sar min-naha tar-rikorrent, it-terminu ta' tliet (3) snin ghadu ma skadiex u ghalhekk il-garanzija ghadha fis-sehh. Ghalhekk, gialadarba s-socjeta' ntimata ghamlet is-servizzi necessarji fuq il-'laptop' in kwistjoni, pero' d-difetti baqghu in ezistenza, allura t-Tribunal jilqa' t-talba tar-rikorrent, u

jordna lis-socjeta' ntimata tissuplixxi r-rikorrent bi 'laptop' gdid ta' l-istess valur u ta' l-istess ditta, bi skambju tal-'laptop' difettuz, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**